MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 232/2005

**Titan International Limited ( C-1115 )**
**vs**
**Raymond Aquilina ( ID Nru: 141958 M ) u Ray Aquilina Installation Company Limited ( C-25775 ) solidament bejniethom**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici, wara li ippremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' sebat elef, sitt mija u hamsa u disghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu ( LM 7,695.33 ), bilanc minn ammont aktar, prezz dovut dwar kuntratt ta' xoghol f' APS Bank ( fergha lokali Paola ) u dan kif jirrizulta mill-annessakopja tal-fattura numru 23599, hawn annessa u mmarkata "Dok A" u l-kopja tal-ftehim bejn il-partijiet li jgib id-data tal-24 ta' Mejju 2004 hawn anness u mmarkat "Dok B";

Illi l-ammont ghadu dovut nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu diversi drabi;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenut tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili;

Talbet ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex m' ghandiex dina l-Onorabbli Qorti: -

( 1 ) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b' dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili;
( 2 ) Tikkundanna lill-konvenuti solidament li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, sitt mija u hamsa u disghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM7,695.33), bilanc minn ammont aktar, prezz dovut dwar kuntratt ta' xoghol f' APS Bank (fergha lokali Paola ) u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-fattura numru 23599, hawn annessa u mmarkata “Dok A”;

Bl-imghaxijiet kummercjali mit 13 ta' Jannar 2005, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawn tal-mandat ta' sekwestu numru 358 / 05.

Rat l-affidavit tas-socjeta' attrici u id-dokumenti l-ohra:
Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill- ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tallum imsejjahin tlett darbiet lanqas ma deherux.
Rat in-nota tas-socjeta' attrici ta' llum stess li biha irriduciet it-talba ghas-somma ta' LM4459.33 ( erba' t elef, erba' mija u disgha hamsin lira u tlieta u tletin centezmu ).
Peress li fic-cirkostanti t-talba dedotta fic-citazzjoni kif ridotta tidher gustifikata u jidher wkoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess, bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal- Kodici u Orginazzazzjoni u procedura Civili:
Tiddeciedi billi tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kif mitluba kontra l-konventi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------